MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-22 ta' Jannar, 2010

Rikors Numru. 67/2008

**Miriam Sultana (ID 492644M) u zewgha Michael Sultana (ID 67144M)**

**vs**

**Toyah Bisborow (ID 256182M)**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur :

Illi huma jikru lill-intimata l-fond Flat 3, Sliema Road, Gzira, bil-kera ta' Lm27 fix-xahar cioe' Euro 62.89 jithallas kull zhar bil-quddiem, kull l-ewwel tax-xahar, l-ewwel skadenza 1 ta' Novembru 2008,;

Illi l-intimata ghandha taghti lir-rikorrenti l-kera tal-iskadenzi mill-1 ta' Marzu, 2002 sa 1 ta' Otturbu 2008

cioe' 79 skadenzi ta' xahar bil-kera Lm27 jammontaw ghal Lm2,133 cioe Euro4,969;

Illi l-intimata baqghet inadempjenti nonostante zewg interpelazzjonijiet ufficjali ghall-hlas – ittra ufficjali tas-7 ta' Marzu 2008 – Dok A u ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2008 – Dok B annessi, debitament lilha notifikati;

Illi l –intimata hi manifestament mhux biss moriza izda adirittura inadempjenti fil-hlas tal-iskadenzi tal-kera;

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett in vizta tal-premess dan il-Bord joghgbu jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-fond fuq imsemmi mikri lill-intimata, stante nuqqas taghha fil-hlas tal-kera, u jigi ffissat terminui qasir u perentorju biex tizgombra mill-istess;

Bl-ispejjes

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi wara li r-rikors promutur kien notifikat lill-intimat bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni huwa ma ghamel ebda kontestazzjoni ghat-talba tar-rikorrenti. Ghalhekk il-Bord ser jghaddi biex jezamina l-provi mressqa mir-rikorrenti;

Illi l-intimat kien debitament ingunt b'ittra legali tas- 7 ta' Marzu 2008 sabiex ihallas l-kera mill-1 ta' Marzu 2002. Huwa rega kien ingunt b'ittra ufficjali tal-14 ta' Lulju 2008 sabiex ihallas l-iskadenzi tal- 1 ta' Marzu 2008, 1 t'April 2008, 1 ta' Mejju 2008 u l-1 ta' Gunju 2008;

Illi ghalhekk r-rikorrenti ppruvaw b'mod sufficjenti r-rekwiziti kif ravvizati fl-arikolu 9(a) (i) tal-Kap 69 u dan il-Bord ghalhekk qed jilqa' t-talba taghhom u qed jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-fond Flat 3, Alfrida

Flats, Sliema Road, Gzira minghand l-intimat fi zmien tletin (30) jum mil-lum u jordna lill-intimat jillibera l-fond u jhallih vakanti ghar-ripresa tieghu mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------